# GĦANJIET TA' MĦABBA
## LIL EROS

(*Ta'* Louis Ellul)

Għad jasal fuqna waqt, Eros ta' ħajti,
Meta, qalb waħda, inkunu magħqudin;
'Ma llum li inti hawn u jiena miegħek,
Ejja ninħabbu u ngħożżu lil xulxin.

'L hemmfuq hemm roqgħa ħadra, kollha fjuri
Jitliegħbu u jiżfnu ma' fewġet ir-riħ,
Qed tistedinna biex nixxaħxħu f'nofsha
Nistgħallu l-fwieħa, mgħannqa u mbewsa sħiħ.

Imħattba t-triq li tagħti għal din ir-roqgħa
U x-xewk li fiha kiefer tgħidlix kemm;
'Ma t-tnejn flimkien, min jista' qatt għalina?
Bl-imħabba nibdlu f'daħk il-krib tal-hemm.

Sabiħa l-ħajja, meta tkun taf tgħixha,
Taqsam mas-sieħba s-slaleb tat-tiġrib
U wara dduq mill-għasel ta' l-imħabba
Bil-ħarsa tal-Mulej tgħassek fil-qrib!

Xi ġmiel t'għaxija! X'seħer fih is-sema!
Ħares! Ix-xemx staħbiet wara l-għoljiet,
L-għasafar mitlufin fl-aħħar tpespisa,
Isaltan mal-ħolqien dalwaqt is-skiet!

Tfajla ninħabbu! Nimxu sfiq għall-ħdura!
Nitwaħħdu mat-tektik ta' qlubna t-tnejn,
Ingħixu siegħa hienja f'għaxqa għalina,
Ninsew għal ftit l-imrar ta' dal-jumejn!